

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tat-18 ta' Diċembru 2014 (talba għal deċiżjoni preliminari tar-Raad van State – il-Pajjiżi l-Baxxi) – Staatssecretaris van Economische Zaken, Staatssecretaris van Financiën vs Q

(Kawża C-133/13) ⁽¹⁾

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Moviment liberu tal-kapital — Leġiżlazzjoni fiskali — Taxxa fuq id-donazzjonijiet — Eżenzjoni fir-rigward ta' "dominju rurali" — Eżenzjoni eskluża fir-rigward ta' dominju li jinsab fit-territorju ta' Stat Membru ieħor)

(2015/C 065/06)

Lingwa tal-kawża: l-Olandiż

Qorti tar-rinviju

Raad van State

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Staatssecretaris van Economische Zaken, Staatssecretaris van Financiën

Konvenuta: Q

Dispożittiv

L-Artikolu 63 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix leġiżlazzjoni ta' Stat Membru, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li ttiprovdi li eżenzjoni minn taxxa fuq id-donazzjonijiet dovuta fir-rigward ta' ċerti proprjetajiet protetti minħabba li jappartjenu lill-patrimonju kulturali u storiku nazzjonali hija limitata għal dawk il-proprjetajiet li jinsabu fit-territorju ta' dan l-Istat Membru, sakemm din l-eżenzjoni ma tkunx eskluża fir-rigward tal-proprjetajiet li jistgħu jkunu marbuta mal-patrimonju kulturali u storiku tal-imsemmi Stat Membru minkejja l-fatt li jkunu jinsabu fit-territorju ta' Stat ieħor.

⁽¹⁾ ĠU C 171, 15.06.2013.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Awla Manja) tat-18 ta' Diċembru 2014 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-High Court of Justice (England & Wales), Queen's Bench Division (Administrative Court – ir-Renju Unit) – The Queen, fuq talba ta': Sean Ambrose McCarthy, Helena Patricia McCarthy Rodriguez, Natasha Caley McCarthy Rodriguez vs Secretary of State for the Home Department

(Kawża C-202/13) ⁽¹⁾

(Ċittadinanza tal-Unjoni Ewropea — Direttiva 2004/38/KE — Dritt ta' ċittadini tal-Unjoni u ta' membri tal-familja tagħhom li jiċċaqilqu u jirrisjedu liberament fit-territorju ta' Stat Membru — Dritt ta' dħul — Ċittadin ta' Stat terz, membru tal-familja ta' ċittadin tal-Unjoni, li għandu permess ta' residenza maħruġ minn Stat Membru — Leġiżlazzjoni nazzjonali li tissuġġetta d-dħul fit-territorju nazzjonali għal kisba minn qabel tal-permess ta' dħul — Artikolu 35 tad-Direttiva 2004/38/KE — Artikolu 1 tal-Protokoll (Nru 20) dwar l-applikazzjoni ta' ċerti aspetti tal-Artikolu 26 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għar-Renju Unit u għall-Irlanda)

(2015/C 065/07)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Qorti tar-rinviju

High Court of Justice (England & Wales), Queen's Bench Division (Administrative Court)

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: The Queen, fuq talba ta': Sean Ambrose McCarthy, Helena Patricia McCarthy Rodriguez, Natasha Caley McCarthy Rodriguez

Konvenuta Secretary of State for the Home Department